# ĠENS IL-MALTI

*Lill-Prof. T. Zammit,*
*għal kull ma għamel għal Ġensna.*

Trid taf mnejn ġejja l-ħila fix-xogħ'l jiebes,
Ix-xeħt' għaqlija, l-għerf fi lsien barrani,
Mnejn ġejja l-ġibda lejn allat pajjiżek
U mħabbet darek?

Kollox minn ġensek: ġens li jaf elf ġrajja
U kien ewlieni fost il-ġnus bikrin,
Ġens illi bennen għerf u ġieħ l-Ewropa
Fis-snin minsija.

Ħares ma' dwarek, żur imqades Malta,
Ifli t-tnaqqixa fuq il-Ħaġar Kbir,
Stagħġeb bi ġmielhom, isma' lill-barrani
Jgħid li mkien bħalhom;

Inżel fil-qbura li ħallew fil-Qedem;
Fittex l-għamara mal-mejtin midfuna,
Tgħallem għamilha u ssib li l-lum ħadd bħalha
Ma jaf ifassal.

U jekk trid taf min kellu da l-għerf kollu
U min di l-ħajra kellu għas-Sabiħ,
Min għaraf jibni dak li ż-Żmien ma waqqa'
F'tas-snin il-ħarba,

Ħa' ngħidlek jiena min, għax bżonn titgħallem
Għandek bil-bosta ħalli tqajjem rixek:
Dan xogħ'l il-Malti fl-ibgħad snin mitlufa
Fi Żmien il-Ħaġar.

Għax il-ġens tiegħek dejjem ġens ta' ħila,
Ġens iħobb Dinu, moħħu biss fix-xogħ'l,
B'ħeffa jitgħallem, jirkeb lill-barrani,
Ġens qatt irsir.

Ħija ġo qalbek għożżha dit-tagħlima,
Li n-nies Maltija ġens mil l-ewwel nett
U qatt ma tista' ġġerraħ rix ħaddieħor
Għax għandha tagħha.

1925 **R. Briffa.**